12 ta' Diċembru, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Kaptan Serafino Xuereb, M.B.E.

*versus*

Nobbli Charles Sant Fournier ne.

**Spoll — Rekwiżiti — Tolleranza — Eċċezzjonijiet Dilatorji.**

*Biex tirnexxi azzjoni ta' spoll "de recenti", l-attur irid jipprova tliet rekwiżiti, illi huwa (1) "possedisse", (2) "spoliatum fuisse", u (3) "infra bimestre deduxisse".*

*Kwantu għall-ewwel rekwiżit, hu magħruf illi l-pussess meħtieġ hu dak materjali u "de facto", ikun x'ikun, u mhix meħtieġa l-prova li l-attur għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù fuq il-ħaġa li minnha huwa ġie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwiżit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat għandu s-sempliċi detenzjoni. U għalkemm hu veru li t-tolleranza ma tagħtix azzjoni ta' spoll, eppure dik it-tolleranza għandha tirriżulta almenu "prima facie". U meta t-tolleranza tirriżulta esklużża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' azzjoni bażata fuqha hija inammissibili.*

*Kwantu għat-tieni rekwiżit, l-ispoll, billi hu fatt magħmul b'dannu ta' ħaddieħor, huwa imputabili jew lil min jikkommettieh, jew lil*

*min jikkmanda li jiġi kommess. U l-ispoljat hu fid-dmir li jinsisti illi l-ħaġa tiġi rimessa fl-istat li kienet qabel; salvi r-raġunijiet li jistgħu jkunu kompetenti lill-ispoljant fil-ġudizzju petitorju. U l-eżami tal-Qorti għandu jkun limitat għall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess.*

*Il-pussess ta' l-ispoljant jista' jkun anki illeġittimu; u fil-ġudizzju ta' l-ispoll ma humiex ammessi eċċezzjonijiet ħlief dawk dilatorji.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, f'dawn l-aħħar xahrejn, *vjolentement* u *klandestinament* sadd toqba għall-isfog ta' l-ilma li l-attur għandu fil-bitħa tal-garage tiegħu f'Raħal Ġdid, Saint Ubaldesca Street, numru 66, b'mod illi l-ilma ta' l-istess *bitħa* ma għandux fejn imur; u illi b'dan l-*aġir tiegħu* l-konvenut ikkommetta spoll u molestja reċenti tal-pussess ta' l-instanti, li huwa proprjetarju ta' l-imsemmi fond; u illi, non ostanti l-protest *tat*-2 ta' Novembru 1951, *il-konvenut naqas milli jiftaħ* l-imsemmija *toqba*: previa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kwalunkwe provvediment opportun, talab illi l-konvenut nomine jiġi kundannat jiftaħ l-imsemmija toqba u jerġa' jġib kollox għall-istat *pristinu tiegħu, fi żmien qasir* u perentorju li tiffissalu l-Qorti; u in difett, l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dak ix-xogħol meħtieġ huwa stess a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi minn *din il-Qorti*, b'mod illi l-attur jiġi mantenut *fil-pussess* tiegħu. B'riżerva għall-azzjoni tad-danni, u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tat-2 ta' Novembru 1951, kontra l-konvenut;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet* tal-konvenut, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li biha jallega illi huwa akkwista l-fond menzjonat fiċ-ċitazzjoni minn għand l-attur u ħutu b'*kuntratt* fl-attijiet tan-Nutar Francesco *Farrugia*, mingħajr ebda menzjoni tal-*pretiża servitù*; illi għalhekk it-talba għall-isfog ta' l-ilma tal-bitħa ta' l-attur, jekk qatt kienet teżisti, tirrappreżenta att ta' sempliċi tolleranza, li ma jistax *ikun* ta' fondament *għall-pussess, u kwindi ma* jistax jiġi jagħti lok għall-azzjoni eżerċitata mill-attur. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru 1952, li biha dik *il-Qorti* ddeċediet adeżivament għat-talba ta' l-*attur*, u għall-finijiet tagħha ppreġġiġiet lill-konve-

nut iż-żmien perentorju ta' tmint ijiem; u fil-każ li dan it-terminu jgħaddi inutilment awtorizzat lill-attur biex jagħmel hu stess ix-xogħol meħtieġ, taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Carmelo Psaila, li jiġi għal dan l-iskop nominat, bi spejjeż tal-konvenut. L-ispejjeż tal-kawża jħallashom il-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi biex tirnexxi l-azzjoni minnu eżerċitata, dik ta' spoll "de recenti", fiż-żmien imsejħa "privileġjata", l-attur irid jipprova tliet rekwiżiti, jiġifieri illi huwa "possedisse, spoliatum fuisse, infra bimestre deduxisse";

Illi dwar l-ewwel rekwiżit, ġie pruvat mill-attur illi t-toqba msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni ilha teżisti fil-bini tiegħu minn xi sbatax-il sena, jiġifieri minn meta huwa bena l-fond imsemmi fl-istess att, u li żgur kienet teżisti meta l-konvenut beda jibni l-fond tiegħu, kif qal Carmelo Borg, l-imgħallem tax-xogħol li qabbad il-konvenut. Għalhekk, għad li hu veru, kif jissottometti l-konvenut, li fl-att ta' l-akkwist min-naħa tiegħu, dik it-toqba ma hix imsemmija, jirriżulta illi l-attur, qabel u fil-bidu tax-xogħol tal-fond tal-konvenut, kien il-possessur tal-fond tiegħu bit-toqba fuq imsemmija; u hu magħruf illi l-pussess meħtieġ fil-kawżi ta' spoll "de recenti" hu l-pussess materjali u "di fatto" (Vol. X, 55), u li jkun xi jkun (Vol. XXX—I—55), u f'azzjoni simili mhux meħtieġ lil min jagħmilha illi jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù fuq il-ħaġa li minnha jiġi spoljat bi vjolenza jew klandestinament (Vol. XXIV—I—658); anzi hu rekwiżit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat għandu s-sempliċi detenzjoni (Vol. XXXI—I—297). Hu veru wkoll illi t-tolleranza ma tistax tagħti azzjoni ta' spoll; imma dik it-tolleranza għandha tirriżulta almenu "prima facie"; u meta dik it-tolleranza tirriżulta eskluża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' azzjoni bażata fuqha hija inammissibili (Vol. XXX—I—85). F'dan il-każ, il-konvenut b'xejn ma pprova illi huwa xi darba kkonċeda lill-attur biex jagħmel dik it-toqba; anzi l-istess toqba kienet teżisti, kif ġà ntqal, minn qabel ma l-konvenut beda jibni l-fond tiegħu, u sa allura l-konvenut lanqas kien jaf bl-eżistenza tagħha;

Illi dwar it-tieni rekwiżit, ma hemmx dubju illi l-konvenut sadd dik it-toqba, kif qal li għamel l-imsemmi Carmelo

Borg; u l-ispoll, billi hu fatt magħmul b'dannu ta' ħadd ieħor, hu imputabili jew lil min effettivament jikkommettieh, jew lil min jikkmanda li jiġi hekk kommess (Vol. XXXII—I—451). Il-konvenut jallega illi l-attur ma kellux id-dritt jagħmel dik it-toqba. Imma f'dan ir-rigward hu magħruf illi fl-azzjoni ta' spoll l-ispoljat hu fid-dritt li jinsisti illi l-ħaġa tiġi rimessa fl-istat li kienet qabel, salvi r-raġunijiet li fil-ġudizzju petitorju jistgħu jirriżultaw kompetenti lill-ispoljant (Vol. X, 980); l-azzjoni ta' spoll hija privileġġjata, u kontra tagħha m'humiex ammissibili eċċezzjonijiet oħra ħlief dawk dilatorji; u l-eżami tal-Qorti għandu jkun limitat għall-fatt ta' l-ispoll u l-pussess (Vol. XXX—II—85). Il-pussess ta' l-ispoljat jista' jkun anki illeġittimu (Foderà, Del Possesso, cap. 4, n. 62; Ricci, Del Possesso, Vol. V, para. 105)—"Vim facit qui non sinit possidentem eo quod possidebat uti arbitrio suo, sive in serendo, sive fodiendo, sive arando, sive quid aedificando, sive quid omnino faciendo per quod liberam possessionem adversarii non relinquit" (L. 11 Dig. de vi et armata). Jirriżulta illi t-toqba ġiet misduda mill-konvenut mingħajr ma ġie mgħarraf l-attur; u għalhekk l-ispoll kien vjolent u klandestin (Vol. XXVIII—III—1341);

Illi dwar it-tielet rekwiżit jirriżulta illi l-attur ġieb 'il-quddiem din l-azzjoni fi żmien xahrejn minn meta ġiet magħluqa t-toqba;

Illi, billi jirriżultaw it-tliet rekwiżiti meħtieġa mill-liġi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni ntentata mill-attur, it-talba ta' dan tirriżulta ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Lulju 1952;

Rat il-petizzjoni ta' l-appellant, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li xi sbatax-il sena ilu l-attur kiseb biċċa art, u fuqha tella' bini bil-bitħa wara, u fil-bitħa għamel toqba għall-isfog ta' l-ilma tax-xita. Dana huwa l-fond imsemmi fit-taħrika. Din it-toqba tgħaddi għall-bitħa tal-konvenut nomine,

li allura kienet għadha biċċa għalqa, meta l-attur bena l-fond tiegħu. Fix-xahrejn ta' qabel it-taħrika, l-imgħallem li kien qed jagħmel ix-xogħol tal-bini tal-konvenut, minn rajh u minngħajr il-kunsens ta' l-attur, sadd dik it-toqba, u l-konvenut wara ppretenda li kellu d-dritt jagħlaq it-toqba, u b'hekk irratifika l-għemil ta' l-imgħallem li saddha; u l-attur irreaġixxa bl-azzjoni ta' l-ispoll privileġġjat;

**Ikkunsidrat**;

Illi skond il-liġi tagħna, fl-azzjoni ta' spoll privileġġjat mhumiex ammessi ħlief eċċezzjonijiet dilatorji, għax "spoliatus ante omnia restituendus"; u l-eżami tal-Qorti għandu jillimita ruħu għall-fatt tal-pussess, jew detenzjoni, u ta' l-ispoll;

Illi l-pussess kontemplat fil-liġi huwa l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess "animo domini". Għalhekk il-kwistjoni tat-tolleranza li qajjem il-konvenut lanqas ma għandha tiġi eżaminata f'dan il-ġudizzju semplicement possessorju privileġġjat. Dina l-Qorti, fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Marzu 1872 in re "Albanese utrinque", u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ta' l-14 ta' Marzu 1898 in re "Naudi vs. Picciché, irritenew li "l'azione di spoglio, contemplata nell'articolo 230 Ord. VII del 1868 (il-lum 572 Kod. Ċiv.), è ammissibile constando degli estremi voluti dalla legge, anche nel caso in cui il convenuto fosse il proprietario della cosa di cui l'attore avesse sofferto lo spoglio, anche supposto un titolo di comunione, ed anche supposta una detenzione meramente precaria". U l-Prim'Awla, fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 1882, in re "Camilleri vs. Agius", irriteniet li "all'attore in reintegrazione è sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione, anche talora priva di causa giuridica, la ingiusta 'possessio' toltagli 'vi aut clam'." U f'sentenza oħra, il-Prima Awla, in re "Camilleri vs. Giglio", tas-26 ta' Jannar 1883, irritenjet li "neanche è permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia 'animo domini' o no; perchè la legge non richiede che un possesso puramente materiale e di fatto: tanto è vero, che si concede la detta azione al conduttore contro lo stesso proprietario, non ostante che il primo non possiede la cosa come propria........... e si concede anche al possessore che avesse, in tempo precedente, usurpato con violenza la cosa altrui";

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li t-toqba ġiet misduda mingħajr il-kunsens u kontra r-rieda ta' l-attur jikkostitwixxi l-vjolenza għall-finijiet ta' l-azzjoni ta' l-ispoll priviléġġjat, u għalhekk jirrikorru l-es-*tremi* kollha meħtieġa għall-azzjoni eżerċitata mill-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, tiċħad l-appell u tikkonfermà s-sentenza appellata; bl-ispejjeż *kontra l-appellant*. Iżda tordna li t-terminu ta' tmint ijiem jibda jgħaddi mil-lum.